MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 2/2023 LM

**Luigi Baldacchino (K. I. Nru. 562986M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Alan Busuttil (K.I. Nru. 39382M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Alan Busuttil (K.I. nru. 39382M),** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-13 ta' Marzu, 2023, li permezz tagħha t-Tribunal ordna lill-intimat iħallas lir-rikorrent **Luigi**

**Baldacchino (K. I. Nru. 562986M)** is-somma komplessiva ta' tmien mitt Euro (€800), wara xogħol li ma sarx tajjeb mill-intimat fuq il-vettura tar-rikorrent.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent ressaq ilment quddiem it-Tribunal li permezz tiegħu talab li l-intimat jiġi kkundannat iħallsu s-somma komplessiva ta' €2,384 rappreżentanti €1,755 prezz ta' xogħol ta' *panel beating* fuq vettura, li skont ir-rikorrent ma kienx sar tajjeb mill-intimat, kif ukoll €629 il-prezz tax-xiri ta' fanal ġdid għall-vettura li skont ir-rikorrent kien ingiref waqt li l-vettura kienet għand l-intimat. Ir-rikorrent spjega li huwa kien involut f'inċident żgħir bil-vettura tiegħu, li kien ħadha sabiex tissewwa b'mod professjonali għand l-intimat. Qal li kien hu li pprovda l-*parts* kollha tal-vettura, u kien anki informa lill-intimat li jekk jonqsu xi ħaġa kellu jinfurmah mill-ewwel. Qal li meta l-vettura kienet spezzjonata mis-*surveyor,* dan kien qallu li l-ispiża kienet ser tammonta għal €1,600 għall-i*spray painting* u biex titranġa d-daqqa li kellha. Ir-rikorrent qal li s-soċjetà li kien assikurat magħha ma laqgħetx din it-talba, u għalhekk huwa ftiehem mal-intimat biex jirranġa d-daqqa biss, għaliex kien iddeċieda li jiżbogħ il-vettura kollha wara. Ir-rikorrent spjega li meta mar biex jiġbor il-vettura mingħand l-intimat, dan kien infurmah li l-ispiża biex irranġa l-vettura kienet tammonta għal €1,755. Ir-rikorrent qal li meta ħareġ il-vettura mill-garaxx tal-intimat din bdiet tagħmel l-ilma, u meta eżamina l-vettura sew fid-dawl, ra li x-xogħol li kien sar fuqha ma kienx sar sewwa. Ir-rikorrent qal li meta ħa l-vettura għand garaxx ieħor biex tinżebagħ, il-persuna li kellha tagħmel ix-xogħol taż-żebgħa infurmah li d-daqqa li ttellgħet mill-intimat kienet imtliet u nksiet bil-*hard metal,* u wara

ġiet irfinuta bl-istokk. Qal li għalhekk huwa ġie ngannat għaliex ħallas flus għal xogħol li ma sarx b'mod professjonali.

3. Min-naħa tiegħu l-intimat qal li mhux minnu li l-ħsara li kellu r-rikorrent fuq il-vettura tiegħu kienet waħda minuri, u fil-fatt il-vettura ttieħdet għandu billi ġiet irmunkata. Qal ukoll li mhux minnu li huwa kien ta stima ta' €1,600 għad-daqqa u ż-żebgħa. Qal ukoll li anki meta r-rikorrent ħa l-vettura mill-garaxx tiegħu, dan kellu jirmunkaha għaliex ma setgħetx tinstaq fit-triq billi partijiet minnha kienu bla *spray.* Qal li l-fanal li r-rikorrent allega li nbarax mill-intimat jew minn lavranti tiegħu, kien miksi b'tip ta' *stretch and seal* li tant kien irqiq, li tħalla mal-fanal meta dan twaħħal. Qal ukoll li huwa qatt m'aċċetta li sar xogħol ħażin fuq il-vettura, u din reġgħet ittieħdet fil-garaxx tiegħu sabiex isir xogħol fuq il-*headlamp panel* u mhux biex jirranġa xogħol li sar ħażin. Qal li kien biss wara madwar tliet xhur li r-rikorrent reġa' kellmu u qallu li kien qiegħed jippretendi li jħallsu l-flus kollha lura, u kien dakinhar ukoll li r-rikorrent infurmah li kien ħa l-vettura għand ħaddieħor biex jagħmel iż-żebgħa fuqha, meta l-ftehim kien li x-xogħol taż-żebgħa kellu jsir kollu mill-intimat.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2023, it-Tribunal iddeċieda li l-intimat għandu jirrifondi lir-rikorrent is-somma ta' €800, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Ikkonsidra***

*Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob mingħand l-Intimat il-ħlas tas-somma komplessiva ta' elfejn, tliet mija u erbgħa u tmenin Euro (€2,384.00). Jidher mill-atti li din is-somma hija komposta minn talba għal rimborż ta' elf, seba' mija u ħamsa u ħamsin Euro (€1,755.00) prezz ta' xogħlijiet ta'* panel beating *li skont ir-Rikorrent ma sarux sewwa, kif ukoll sitt mija u disgħa u għoxrin Euro (€629.00) valur ta' fanal ġdid tal-vettura li skont ir-Rikorrent, safa migruf waqt li kien fil-pussess tal-Intimat in kors tax-xogħlijiet.*

*Illi minħabba li wara li qam diżgwid bejn il-Partijiet, ir-Rikorrent għażel li jieħu l-vettura għat-tiswija għand terzi, it-Tribunal jiddeduċi li r-rimedju li huwa qiegħed ifittex huwa biss dak sabiex l-Intimat jiġi kkundannat iħallas l-ammonti mitluba u mhux sabiex jiġi ordnat, jekk jinstab li huwa l-każ, jagħmel xogħlijiet rimedjali opportuni fuq il-vettura huwa stess.*

*Illi wara li evalwa x-xhieda mogħtija in atti kif ukoll id-dokumenti esebiti, it-Tribunal għandu xi ftit dubji dwar il-kredibbilità tar-Rikorrent, għax filwaqt li jtenni bosta drabi, inkluż bil-ġurament, li d-daqqa li kellha l-vettura tiegħu kienet riżultat ta'* "inċident minuri" *u li ma kinitx tirrikjedi xi xogħol speċjali biex tissewwa, kemm ir-ritratti esebiti kif ukoll il-fattura ta'* placement parts *illi huwa stess xtara mingħand Autosales Limited (Kinds) pjuttost jindikaw l-oppost u ċioe li l-vettura kellu jsirilha intervent maġġuri fejn saħansitra kellhom jinbidlu* engine hood, grille *u* front fender *fost bosta elementi oħra. Ukoll, filwaqt li qed jitlob li jiġi rifuż is-somma kollha li huwa ħallas lill-Intimat għax qed jgħid li x-xogħol kollu sar ħażin, fix-xhieda tiegħu bil-ġurament quddiem it-Tribunal, jammetti li ħallas lil terzi biss mitejn Euro (€200.00) sabiex* "nirranġa d-daqqa li qatt ma rranġali hu".

*Illi mill-banda l-oħra, huwa wkoll evidenti f'għajnejn it-Tribunal li għalkemm huwa veru li tenut kont tal-gravità tal-ħsara li kellha l-vettura, kien hemm limitu kemm ċerti aspetti jistgħu jissewwew perfettament u jiġu qishom ġodda, huwa ovvju li ċertu xogħol mill-Intimat sar ta' kafkaf u allura, mhux skont l-arti u s-sengħa. Issa, l-ġurisprudenza tagħna tgħallem li in materja ta' adempjenza kuntratttwali, l-appaltatur, kif f'dan il-każ huwa l-Intimat, għandu jassikura li x-xogħol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b'mod li juri difetti. L-obbligu primarju jibqa' dejjem li* "l-appaltatur hu obbligat jeżegwixxi l-opra miftiehma skont is-sengħa" (*Kollez. Vol. XLI P.II p. 892). Dan fis-sens li* "l'imprenditore ha l'obbligo di eseguire ben l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte suo, e deve prestare almeno una capacità ordinaria" *(Kollez. Vol. XXVII P.I p. 374).*

*Illi għalhekk, dak li qed jitlob ir-Rikorrent jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala konsumatur għax hu, ladarba inkariga persuna teknika sabiex jagħmel ix-xogħol fuq il-vettura tiegħu, kellu kull dritt li jippretendi li dan ix-xogħol, fil-limiti tal-possibilità, isir sewwa u kif miftiehem.*

*Illi mill-atti jirriżulta li ħadd mill-Partijiet ma talab li jiġi inkarigat espert tekniku sabiex jevalwa l-kwalità* o meno *tat-tiswijiet imprenduti fuq il-vettura in kwistjoni. Ukoll, dan fil-verità kien ikun inutili għax miż-żmien rilevanti sa meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni, huwa paċifiku li l-vettura sarulha interventi minn terzi. Għalhekk, it-Tribunal huwa kostrett jgħaddi biex jillikwida l-kumpens dovut fuq bażi ta'* arbitrio boni viri.

*Illi fi kliem il-Qrati tagħna* "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant anke' fis-sistema legali tagħna l-poter diskrezzjonali illi jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P. III p. 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, è rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondi i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato" ***(Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd,*** *PA, Deċ. 13.10.2004);*

*Illi wara li qies sewwa l-provi in atti, u anke' d-dikjarazzjonijiet tar-Rikorrent illi* "it-tieni darba partijiet minnha (il-vettura) kienu msewwija sew" *mill-Intimat u li huwa ħallas mitejn Euro (€200.00) lil terzi sabiex sar xi xogħol li kien ommess mill-Intimat, it-Tribunal qiegħed jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrent mill-Intimat għax-xogħol ħażin fis-somma ta' sitt mitt euro (€600).*

*Illi rigward il-fanal, mill-provi jidher li dan ġie mgħoddi lill-Intimat fil-*packaging *tal-fabbrika u allura infetaħ f'idejn l-Intimat, jiġifieri fuq bażi ta' probabbilità huwa verosimili li dan ġie danneġġjat waqt il-proċess ta' installazzjoni tiegħu. Madanakollu, it-Tribunal għandu riżervi serji dwar kemm fil-verità, għax għandu ftit grif, dan il-fanal tilef totalment l-utilità ekonomika u prattika tiegħu. Għalhekk, it-Tribunal qed jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrent f'dan ir-rigward fis-somma ta' mitejn Euro (€200.00).*

***Decide:***

***Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha in***

***parte u jikkundanna lill-Intimat sabiex iħallas lir-Rikorrenti s-somma komplessiva ta' tmien mitt Euro (€800).***

***Kull parti tbati l-ispejjeż tagħha."***

## <u>L-Appell</u>

5. Permezz tar-rikors tal-appell imressaq mill-intimat, hawnhekk l-appellant, fit-3 ta' April, 2023 talab lil din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal, u tgħaddi biex tiddeċiedi t-talba tal-appellat billi tiċħadha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

6. L-appellant beda billi qal li huwa jħossu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex minkejja li l-appellat ressaq talba għal rifużjoni sħiħa tal-flus kollha mħallsa minnu lill-appellant minħabba xogħol li sar ħażin, it-Tribunal iddeċieda li għandu jakkorda kumpens, jiġifieri xi ħaġa li ma kinitx mitluba. Qal li filwaqt li s-somma ta' €200 għall-girfa fuq il-fanal tista' tinkwadra fl-ambitu ta' kumpens, is-somma ta' €600 għal xogħol ħażin *se mai* kellha tiġi ttrattata bħala talba għal tnaqqis fil-prezz, imma din ma tistax titqies bħala kumpens. Qal li skont il-Kap. 378, ordni ta' kumpens tista' ssir biss minn Qorti meta jkun hemm proċedimenti kriminali, jew inkella jingħata kumpens għad-danni minħabba prattiċi kummerċjali mhux ġusti, u dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi bl-ebda mod ma japplikaw għaċ-ċirkostanzi odjerni. L-appellant qal illi anki li kieku l-appellat talab għal kumpens, din it-talba ma setgħetx tirnexxi.

7. L-appellant qal li l-mod kif ġie likwidat il-kumpens mit-Tribunal imur kontra kull prinċipju ta' ġustizzja naturali bi preġudizzju gravi għalih. Qal li huwa

qatt ma seta' jiġi kkundannat iħallas kumpens lill-appellat minħabba xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Qal li l-appellat ma ressaq l-ebda prova li huwa nkorra xi spejjeż għal xogħol li sar ħażin, u huwa stess stqarr li nefaq biss €200 għand terz. Qal ukoll li ladarba l-appellat ħa l-vettura għand terzi sabiex isir intervent fuqha, ma setgħetx issir talba għall-ħatra ta' espert tekniku, u għalhekk in-nuqqas ta' tali ħatra ma kinitx dovuta għal xi nuqqas min-naħa tiegħu, u ħadd ma kellu jippretendi li kellu jkun l-appellant li jitlob ħatra bħal din. L-appellant qal li kien jinkombi fuq l-appellat li jitlob il-ħatra ta' espert tekniku, jew li jressaq provi in sostenn tat-talba tiegħu, u t-Tribunal ma jistax jaġevola lill-appellat biex jagħmel konsiderazzjonijiet tekniċi waħdu fejn ikkonstata li mir-ritratti jidher li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u imbagħad jiddikjara li seta' jeżerċita diskrezzjoni sabiex jillikwida d-danni. Qal li dak li injora t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu huwa li l-appellat baqa' ma ressaq ebda prova tat-terz li wettaq dawn ix-xogħlijiet, anzi stqarr li ħallas biss l-ammont ta' €200 sabiex jagħmel xogħol li ma sarx mill-appellant. Qal li huwa għalhekk li qiegħed jinsisti li ma kien hemm l-ebda xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti, għaliex kieku dan kien il-każ, kien jitressaq it-terz li ħadem fuq il-vettura, jew kienet issir talba għall-ħatra ta' espert tekniku, jew kien jiġi ppreżentat il-kont jew stima sabiex jiġi rrimedjat xogħol li sar ħażin. Qal li minn dan kollu ma sar xejn, u b'hekk it-Tribunal ma kellu l-ebda għażla għajr li jiċħad it-talba.

8. L-appellant qal li t-Tribunal illikwida s-somma ta' €600 favur l-appellat bħala kumpens għal xogħol li allegatament sar ħażin, meta l-appellat stess stqarr li nefaq biss €200 biex isir xogħol li sar minn terzi. L-appellant qal li

għalhekk din il-parti tad-deċiżjoni mhijiex loġika u ma ngħatatx b'sens ta' ekwità. Qal ukoll li anki li kieku t-talba għar-rifużjoni ta' €200 kienet ġustifikata b'xi mod, huwa ma jistax jifhem għal liema raġuni t-Tribunal ittripplika din is-somma għal €600. Qal li jekk l-appellat stess stqarr li huwa ma nkorra l-ebda spejjeż għal xogħol li sar ħażin, dan ma kellux jingħata kumpens għad-danni.

9. L-appellant qal ukoll li huwa lanqas ma jaqbel mal-likwidazzjoni ta' €200 danni minħabba l-fanal migruf, u dan għaliex it-Tribunal ibbaża din il-parti tad-deċiżjoni fuq il-probabbilità li l-fanal ingiref mill-appellant waqt l-installazzjoni. Iżda Tribunal rrikonoxxa li dan il-fattur ma jnaqqas xejn mill-utilità jew mill-valur tal-fanal, iżda naqas milli jikkonsidra li l-vettura li ħadem fuqha l-appellant ittieħdet mill-ewwel għand terzi sabiex ikomplu jaħdmu fuqha. Qal li t-Tribunal kellu provi ċari li l-istima dwar il-valur tal-fanal ippreżentata mill-appellat ma kinitx waħda veritiera, u dan qiegħed jingħad ukoll fil-kuntest tar-rimarka tat-Tribunal dwar il-kredibbilità tal-appellat. L-appellant għalhekk qal li ladarba t-Tribunal iddubita lill-appellat f'ċerti istanzi, dan ma setax joqgħod fuq il-kelma tiegħu f'affarijiet oħra.

10 L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għal dan l-appell, imma l-avukati difensuri tal-partijiet ittrattaw quddiem il-Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet li għamlu l-partijiet waqt it-trattazzjoni, u in vista tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. L-appellant

jibda billi jgħid li t-Tribunal ma seta' jillikwida l-ebda kumpens favur l-appellat, u t-talba li kellu quddiemu t-Tribunal kienet għal rifużjoni tal-flus kollha li l-appellat ħallas lill-appellant. L-appellant jikkontendi li għalhekk it-Tribunal ma setax jilikwida 'kumpens', u filwaqt li l-mitejn Euro (€200) għall-girfa fuq il-fanal jista' jitqies bħala forma ta' kumpens, is-sitt mitt Euro (€600) għal xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti, ma jistax jitqies li huwa forma ta' kumpens.

11. Il-Qorti tqis li s-€600 li l-appellant ġie ordnat iħallas lill-appellat huma forma ta' riduzzjoni tal-prezz imħallas lilu mill-appellat, wara li rriżulta li l-appellant għamel xogħol ħażin. Iżda mill-provi jirriżulta li l-appellat ammetta li għax-xogħol rimedjali li kien meħtieġ fuq il-vettura tiegħu huwa ħallas biss €200, u għalhekk anki din il-Qorti għandha diffikultà tifhem għal liema raġuni ġiet likwidata s-somma ta' €600 bħala rifużjoni parzjali tal-prezz, ladarba ġie kkonstatat li għax-xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti mill-appellant, l-appellat ħallas biss €200 lil terzi.

12. L-appellant ħassu aggravat ukoll b'dik il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn kkonkluda li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, għaliex fil-fehma tiegħu t-Tribunal wasal għal din il-konklużjoni waħdu mingħajr ma nħatar Espert Tekniku. It-Tribunal ikkunsidra li l-ħatra ta' Espert Tekniku kienet ser issir inutilment għaliex wara li ħadem fuq din il-vettura l-appellant, sar ukoll fuqha xogħol minn terzi, u għalhekk kien ser ikun diffiċli li jiġi kkonstatat liema ħsara kienet dovuta għall-inċident, u liema ħsara kienet dovuta għal xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Mill-provi jirriżulta li kien hemm xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u għal dan ix-xogħol l-appellat kellu jħallas €200 għal xogħlijiet

rimedjali li saru minn terzi. Dan fuq ammissjoni tal-appellat innifsu, li ma ressaq l-ebda prova ulterjuri f'dan is-sens quddiem it-Tribunal. Għaldaqstant din il-Qorti jkollha taqbel mal-pożizzjoni meħuda mill-appellant, li jistaqsi fuq liema bażi huwa ġie ordnat iħallas l-ammont ta' €600 għal xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti, meta mill-provi jirriżulta li l-appellat ħallas €200 għal dan ix-xogħol lil terzi persuni. Għalhekk il-Qorti tqis li dan l-aggravju għandu jiġi parzjalment milqugħ, u l-Qorti sejra tordna lill-appellant jirrifondi €200 lill-appellat, stante l-ammissjoni tal-appellat stess li dan huwa l-ammont li huwa kellu jħallas lil terzi għax-xogħlijiet rimedjali.

13. It-tielet aggravju tal-appellant huwa fis-sens li t-Tribunal ma applikax il-prinċipju tal-ekwità meta ddeċieda li huwa għandu jirrifondi l-ammont ta' €600 lill-appellat minħabba xogħol ħażin. Il-Qorti tqis li ladarba l-appellat stess ammetta li biex jirranġa x-xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti, huwa kellu jħallas l-ammont ta' €200 lil terzi, dan huwa l-ammont li kellu jiġi likwidat. Tqis għalhekk li dan l-aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

14. Ir-raba' aggravju tal-appellant huwa dwar il-likwidazzjoni ta' €200 li huwa ġie ordnat iħallas minħabba l-grif li nstab fuq il-fanal, u li t-Tribunal ikkonkluda li aktarx li ġie kkawżat waqt l-installazzjoni tal-istess fanal. Il-Qorti tqis li t-Tribunal ikkonsidra li l-prezz ta' dan il-fanal huwa ferm ogħla minn hekk, iżda li dan xorta waħda seta' jintuża u jiġi installat minkejja li kien hemm xi grif żgħir fuqu. Din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn taħseb li dan il-grif ma sarx waqt il-fażi tal-installazzjoni tal-fanal mill-appellant, kif ġie ikkonstatat mit-

Tribunal, u għalhekk taqbel mat-Tribunal li l-likwidazzjoni ta' €200 għal dan il-grif hija waħda ekwitattiva.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi:**

**(i) tilqa' l-ewwel aggravju parzjalment, billi tordna li l-flus li għandhom jiġu rifużi lill-appellat għandhom ikunu ekwivalenti għall-ammont ta' mitejn Euro (€200) li l-appellat innifsu ammetta li ħallas lil terzi biex jissewwa xogħol imwettaq mill-appellant mhux skont is-sengħa u l-arti;**

**(ii) tilqa' t-tieni u t-tielet aggravju bl-istess mod, u tiċħad ir-raba' aggravju. Dan ifisser li l-appellant għandu jħallas lill-appellat is-somma komplessiva ta' €400, u ċjoe' €200 għax-xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti, u €200 għall-ħsara fuq il-fanal.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**